




# 25 Sena tal-istawa ta' Santa Katarina

***Kitba tal-Charles J. Debono***

Fis-sena 1990, il-festa titulari ta' Santa Katarina ġiet trasferita għat-tielet Ħadd ta' Ġunju. Għalhekk, il-kumitat beda jaħseb biex ikabbar il-festa ta' barra, issa li t-temp kien sar jippermetti.

L-ewwel inizjattiva kienet li ssir statwa ta' Santa Katarina biex tinġarr fil-marċ tat-tridu. Kienet inizjattiva ta' Francis Cassar, li dak iż-żmien kien membru fil-Kumitat Direttiv u għalhekk inkariga ruħu minn dan il-proġett. Frans kien ukoll benefattur ta' din l-istatwa. Fis-sena 1988 ġie imqabbad l-istatwarju magħruf Alfred Camilleri Cauchi sabiex jagħmel dan ix-xogħol. L-istatwa kellha tkun immudellata fuq l-istatwa titulari taż-Żejtun. Kien hemm żmien meta l-istatwarju kien talab lill-kumitat biex xi membri jmorru jgħinuh ħalli l-istatwa tkun lesta fil-ħin. Fost dawk li marru jgħinuh kien hemm Sandro Debono li wara għamel xi snin jaħdem mal-istatwarju. L-istatwa kienet lesta fil-ħin għall-ewwel festa fis-sajf.

*L-istatwa kienet lesta fil-ħin għall-ewwel festa fis-sajf.*

Barra mill-istatwa kien hemm bżonn ta' pedestal biex tkun tista' titpoġġa f'postha ġewwa l-kazin. Dan ħadmu George Cassar filwaqt li l-iskultura ġiet skolpita minn Vince Abela. Il-palma u r-raġġiera nħadmu minn Spiru Buttigieg filwaqt li l-bradella nħadmet fuq inizjattiva ta' Vince Magro flimkien ma' ħutu.

L-istatwa żżanżnet il-Ħamis fit-tieni jum tat-tridu u ġiet imbierka mid-direttur spiritwali, il-Kan. Dun Gwann Palmier. Mill-1990 sal-lum din l-istatwa baqgħet toħroġ ta' kull sena fil-marċ fost brijju li dejjem baqa' jiżdied, iżda b'mod dinjituż u li jixraq lill-

festa reliġjuza. Biex l-affarijiet isiru sewwa u bil-galbu, Neil Borg ġie nkarigat biex ta' kull sena jagħżel ir-reffiegħa. Dan l-aħħar sar xogħol ta' lostru fuq il-bradella mill-aħwa Kevin u Clint Pace.

Joseph Abela, membru fil-kumitat direttiv, ħareġ bil-ħsieb li fl-aħħar tal-marċ l-istatwa tittella' u titpoġġa mal-faċċata tal-każin b'mod dinjituż. Għalhekk il-membru Alex Schembri, ħadem mekkaniżmu bl-għajnuna ta' Anton Axiaq, biex dan kollu seta' jkun possibli.

*Joseph Abela, membru fil-kumitat direttiv, ħareġ bil-ħsieb li fl-aħħar tal-marċ l-istatwa tittella' u titpoġġa mal-faċċata tal-każin b'mod dinjituż.*

Kienet is-sena 2009 meta għall-ewwel darba l-istatwa ttellgħet fil-gallarija tal-każin fost l-entużjażmu kbir tal-partitarji numerużi u akkumpanjata bid-daqq u l-kant tal-innu popolari 'Lill-Patruna tal-Belt Beland' ta' Mro. Ray Sciberras fuq versi tal-Kavallier George Bianchi.

Tant kienet suċċess din l-inizjattiva, illi ta' kull sena baqgħet issir fi tmiem il-marċ li l-membri u l-partitarji jkunu qed jistennew bi ħġarhom. ■








